GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR221259 | 29.09.2022 | 3 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***MARPO tagħmel żjara ta' korteżija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia rċieva żjara ta' korteżija mill-membri tal-Malta Association of Retired Police Officers.

Matul il-laqgħa, il-membri tal-MARPO ddiskutew diversi temi ta' importanza relatati mal-eks membri li servew għal snin twal fil-Korp tal-Pulizija, fost dan, dwar l-għoti tal-midalja għal servizz twil u effiċjenti lill-eks membri.

L-Ispeaker Farrugia rringrazzja lill-eks membri tal-korp għas-servizz li taw lura fiż-żmien u awgura biex aktar żgħażagħ jingħaqdu fil-Korp tal-Pulizija ħalli joffru servizz lil pajjiżna u liċ-ċittadin.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt